



Brussell, 9 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6684/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0373(NLE)

LIMITE

COMAR 9
JUR 163
COJUR 9
ENV 164

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Preparatorja u fl-ewwel Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kummissjoni Preparatorja u fl-ewwel Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim
skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni
u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina
fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE¹, il-Komunità Ewropea approvat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 ("UNCLOS") u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 b'rabta mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu.
- (2) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2024/1830², l-Unjoni approvat il-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali ("il-Ftehim"). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fis-17 ta' Jannar 2026.
- (3) Skont l-Artikolu 66 tal-Ftehim, il-Ftehim huwa soġġett għar-ratiffika, l-approvazzjoni jew l-aċċettazzjoni mill-Istati u mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika, bħall-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1998/392/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1830 tas-17 ta' Ġunju 2024 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (ĠU L, 2024/1830, 19.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1830/oj>).

- (4) Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim (il-“Konferenza tal-Partijiet”) ġiet stabbilita bl-Artikolu 47(1) tal-Ftehim. Skont l-Artikolu 47(4) tal-Ftehim, il-Konferenza tal-Partijiet, fl-ewwel laqgħa tagħha, trid tadotta b'konsensus ir-regoli ta' proċedura għaliha nnifisha (ir-“regoli ta' proċedura”) u r-regoli finanzjarji li jirregolaw il-finanzjament tagħha u l-finanzjament tas-segretarjat u ta' kwalunkwe korp sussidjarju (ir-“regoli finanzjarji”).
- (5) Fir-Riżoluzzjoni 78/272³ adottata minnha fl-24 ta' April 2024, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU) ddeċidiet li tistabbilixxi kummissjoni preparatorja (il-“kummissjoni preparatorja”) biex tħejji għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim u biex tħejji għas-sejħa tal-ewwel laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim, li mal-konklużjoni tagħha l-kummissjoni preparatorja ma tibqax teżisti.
- (6) Skont il-paragrafu 9 tar-Riżoluzzjoni 78/272 tal-AĠNU, huwa previst li l-kummissjoni preparatorja tiegħu deċiżjonijiet fil-laqgħa finali tagħha dwar rakkomandazzjonijiet lill-Konferenza tal-Partijiet dwar ir-regoli ta' proċedura u dwar ir-regoli finanzjarji.

³ Ir-Riżoluzzjoni 78/272 tal-AĠNU adottata fl-24 ta' April 2024 dwar il-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali.

- (7) Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet magħmula, il-kummissjoni preparatorja ser iħejju d-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Konferenza tal-Partijiet li ser ikollhom effetti legali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, peress li l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura u r-regoli finanzjarji ser ikunu legalment vinkolanti fuq l-Unjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-kummissjoni preparatorja ser jiddefinixxu s-sustanza u l-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjonijiet futuri possibbli li ser jittieħdu mill-Konferenza tal-Partijiet li ser ikollhom effetti legali. Peress li l-elementi sostanzjali u speċifiċi tad-deċiżjonijiet futuri tal-Konferenza tal-Partijiet diġà ser jiġu ddeterminati fi stadju preliminari mir-rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-kummissjoni preparatorja fil-laqgħa finali tagħha, jenħtieġ li daww ir-rakkomandazzjonijiet ikunu koperti wkoll minn din id-Deċiżjoni.
- (8) Id-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati ser jaqgħu f'oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni kif ukoll f'oqsma ta' kompetenza tal-Istati Membri. Fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, huwa għalhekk meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa finali tal-kummissjoni preparatorja u fl-ewwel Konferenza tal-Partijiet biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa regoli ta' proċedura li jipprevedu l-funzjonament u l-organizzazzjoni effiċjenti, kosteffettivi, trasparenti u ordnati ta' laqgħat tal-Konferenza tal-Partijiet, u li jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Unjoni bħala Parti f'konformità mal-Ftehim.

- (9) Sabiex jiġi żgurat li l-funzjonament u l-implimentazzjoni tal-Ftehim jiġu ffinanzjati b'mod korrett, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tar-regoli finanzjarji u l-operazzjonalizzazzjoni ta' mekkaniżmu finanzjarju b'mod li jstabilixxi proċess ġust u trasparenti li jirrispondi għaċ-ċirkostanzi ta' kull Parti fil-Ftehim, bil-ħsieb li jiġi żgurat li kull Parti tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-Ftehim u għall-implimentazzjoni tiegħu b'mod li jkun ekwu u konsistenti mal-kapaċità ta' kull Parti li tikkontribwixxi. Jenħtieġ li l-operazzjonalizzazzjoni tal-mekkaniżmu finanzjarju stabbilit mill-Ftehim tiżgura wkoll l-għoti ta' assistenza lill-Istati Partijiet li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex jimplementaw il-Ftehim.
- (10) Din id-Deċiżjoni ma tistax tinqara bħala li taffettwa b'xi mod il-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Jenħtieġ li ma tiġix interpretata bħala li tagħmel użu mill-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita l-kompetenza esterna tagħha fir-rigward tal-oqsma koperti mill-Ftehim li jaqgħu taħt kompetenza kondiviża. Fil-qasam tal-kompetenzi kondiviżi, l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sa fejn il-Ftehim ma jaffettwax regoli komuni jew ma jbidilx il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, inkluż l-iżvilupp futur prevedibbli tagħhom.

- (11) Sa fejn is-suġġett tan-negozjati jkun jaqa' fil-kompetenzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkooperaw mill-qrib matul il-proċess tan-negozjati, sabiex tiġi żgurata l-unità fir-rappreżentanza esterna tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa finali tal-kummissjoni preparatorja u fl-ewwel laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (il-“Ftehim”) għandha tkun din li ġejja:

- (1) l-Unjoni għandha tappoġġa l-adozzjoni ta' regoli ta' proċedura li jipprevedu l-funzjonament u l-organizzazzjoni effiċjenti, kosteffettivi, trasparenti u ordnati ta' laqgħat tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim, u li jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Unjoni bħala Parti f'konformità mal-Ftehim;
- (2) l-UE għandha tappoġġa l-adozzjoni tar-regoli finanzjarji u l-operazzjonalizzazzjoni ta' mekkaniżmu finanzjarju b'mod li jistabbilixxi proċess ġust u trasparenti, li jirrispondi għaċ-ċirkostanzi ta' kull Parti fil-Ftehim, bil-ħsieb li jiġi żgurat li kull Parti tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-Ftehim u għall-implimentazzjoni tiegħu b'mod li jkun ekwu u konsistenti mal-kapaċità ta' kull Parti li tikkontribwixxi, u li jiżgura wkoll l-għoti ta' assistenza lill-Istati Partijiet li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-Ftehim.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib matul il-laqgħa finali tal-kummissjoni preparatorja u fil-perjodu bejn dik il-laqgħa u l-ewwel laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-unità fir-rappreżentanza esterna tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun konsistenti mal-pożizzjoni stipulata f'din id-Deċiżjoni u mal-prinċipji sottostanti tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
